a

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi
Millennia Complex
Triq Aldo Moro
Marsa, MRS 9065
MALTA

Tel. : +356 21220720
Indirizz elettroniku:: enquiry@mra.org.mt
www.mra.org.mt

# APPLIKAZZJONI biex jiġu mġedda r-records dwar l-utent/i ta' sors talilma ta' taħt l-art

**In-numru tan-Notifika tas-Sors tal-Ilma ta' Taħt l-Art:** ________

**Taqsima I trid timtela' mill-utent li għandu kontroll effettiv fuq l-użu tas-sors msemmija. Kull korrispondenza għal finijiet ta' din l-applikazzjoni u effetti oħra li joħorġu mil-liġi ser isiru ma' dan l-applikant.**

**Taqsima II trid timtela minn l-applikant kif ukoll minn kull persuna oħra li tista' tuża ilma minn dan is-sors.**

## TAQSIMA I-A - INFORMAZZJONI ĠENERALI

### A1. Informazzjoni dwar l-applikant

| ***Din it-taqsima għandha timtela jekk l-applikant huwa ndividwu*** | | |
|---|---|---|
| Titlu: | Isem u kunjom: | |
| Numru tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza / Numru tal-Passaport: | Numru tal-VAT (jekk għandek): | Numru tal-Liċenza tal-Kummerċ (jekk għandek): |
| Indirizz: | | |
| Numru tat-telefon: | Numru tal-*mobile*: | Indirizz elettroniku: |

| ***Din it-taqsima għandha timtela jekk l-applikazzjoni qiegħda ssir f'isem Kumpannija / Organiżżazzjoni Legali*** | |
|---|---|
| Isem tal-Kumpannija / Organiżżazzjoni Legali: | |
| Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpannija: | Numru tal-VAT: |
| Numru tal-Liċenza tal-Kummerċ (jekk għandek): | |
| Tip ta' Kumpannija: LTD PLC Korporazzjoni Gvern Organiżżazzjoni Ieħor (Ikteb ta' liema tip) ________ | |
| Din il-kumpannija hija parti minn kumpannija azzjonarja? IVA (Liema) ________ LE | |
| **Dettalji tar-Rappreżentant Legali (jekk rilevanti għal dan il-każ)** | |
| Titlu: | Isem u kunjom: |
| Nru. tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza / Nru. tal-Passaport: | Kariga: |
| Indirizz: | |
| Numru tat-telefon: Numru tal-*mobile*: | Indirizz elettroniku: |

## TAQSIMA I-B: DETTALJI TAS-SORS

| | |
|---|---|
| L-indirizz ta' fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art: | |
| L-isem tal-art ta' fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art: | |
| Limiti ta': | |
| Numru ta' meters mwaħħla | |
| Serial numbers tal-meters, jekk hemm meter/s imwaħħlin. | |
| Spjega fejn qiegħda l-*borehole* (Dar jew *Garage* / Għelieqi / Post fejn titwettaq attività | |
| Numru ta' pompi mqegħdin fil-post: | |
| Numru ta utenti (kemm il-persuna jużaw is-sors). Parti II trid timtela' minn kull utent. | |

## TAQSIMA I-C: DIKJARAZZJONIJIET MINN UTENTI LI DIĠÀ HUMA RREĠISTRATI / INNOTIFIKATI

### A2. Utenti Oħra tas-Sors tal-Ilma ta' Taħt l-Art

Agħti l-informazzjoni mitluba dwar kull utent li:

- diġa ġie/t rreġistrat / irreġistrata u jixtieq / tixtieq li jibqa' / tibqa' rreġstrat/a; jew
- jixtieq / tixtieq li jiġi / tiġi rreġistrat/a bħala utent ġdid / ġdida;

| **Isem u Kunjom** | **Numru tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza / Numru tal-Passaport:** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

### 1-C-2. Timtela min kull utent li jixtieq jitneħħa mir-reġistru

Jiena, li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, qieħed niddikkjara li jiena konxju minn din l-applikazzjoni

| **Isem u kunjom** | **ID Card** | **Firma** |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

[1] Jekk jogħġbok agħti l-klassifikazzjoni skont in-NACE jew spjega l-attività ekonomika

**TAQSIMA I-D: DIKJARAZZJONIJIET MILL-APPLIKANT EWLIENI**
**(b'Ġurament - amministrata minn Kummissjunarju b'Setgħa li jagħti Ġurament)**

Jiena, li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, niddikkjara li s-sors tal-ilma ta' taħt l-art bin-numru ta' Reġistrazzjoni/Notifika _______ li jinsab _______________________________________ bħalissa qiegħed jintuża mill-persuna li l-firma tagħha tinsab hawn taħt. Jiena ma naf b'ebda fatt jew ċirkustanza li ma jħallux lili milli ninnotifika lili nnifsi bħala utent.

Jien niddikjara li qed ngħamel użu mis-sors b'mod legali u leġittimu.

Jien niddikjara li ma naf li hemm ebda persuna, barra dawk indikati aktar il-fuq, li għanda xi pretenzjoni fuq l-użu tal-ilma ta' dan is-sors.

Jiena niddikkjara li avżajt b'din l-applikazzjoni lill-utenti kollha li għandhom dritt jagħmlu użu minn dan is-sors.

Applikant Ewlieni:

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom: | Nru. tal-Karta tal-Identità /<br>Permess tar-Residenza /<br>Nru. tal-Passaport: |
| Firma: | Data: |

**DETTALJI TAL-KUMMISSJUNARJU B'SETGĦA LI JAGĦTI ĠURAMENT**

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom | |
| Firma | |
| Timbru uffiċjali | Data: |

**DOKUMENTI MEĦTIEĠA**

1. Din l-applikazzjoni bit-taqsimiet kollha ta' din l-applikazzjoni mimlija b'mod ċar biżżejjed li jkunu jistgħu jinqraw. (Applikazzjonijiet li ma jkunux imtlew kollha, jew li ma jkunux jistgħu jinqraw, jew li ma jkunux imtlew kif suppost jiddewmu jew jintbagħtu lura.)
2. *Bank draft* jew ċekk personali ta' 50ewro, li jħallas lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.
3. Site plan bil-borehole immarkata
4. Ritratt tal-meter bis-serial number jidher.

**KLAWŻOLA DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA**

Skont it-termini ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta), kull informazzjoni personali, anke jekk sensittiva, u li hija mniżżla f'din il-formola jew kwalunkwe rikjesta, notifika jew informazzjoni oħra sottomessa mill-applikant, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, ser tiġi pproċessata mill-Awtorità għal waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet:

1. għall-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni jew kwalunkwe rikjesta oħra kif imdaħħla għand l-Awtorità;
2. sabiex jiġu mistħarġa, evitati jew persegwiti każijiet ta' frodi jew kull att kriminali li l-Awtorità, filwaqt li tilħaq l-għanijiet u l-obligazzjoniet legali li tħaddan, hija marbuta li tirrapporta jew tieħu passi dwarhom;
3. sabiex tistabilixxi, teżerċita jew tiddefendi xi azzjoni legali;
4. għall-ġestjoni interna, riċerka, statistika, amministrazzjoni ta' sistemi, kif ukoll għall-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħna;
5. sabiex tħares u tippromwovi l-interessi leġittimi tagħha u għat-twettiq kif dovut ta' kull obbligu legali jew statutorju; u
6. sabiex tippubblika l-informazzjoni meħtieġa skont kif indikat fil-liġi jew obbligu rilevanti.

Jekk għandek meter, id-dettalji tiegħek jingħataw lil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jaġġornaw ir-rekords tagħhom ukoll.

Id-data rilevanti tkun mgħoddija jew mogħtija kif dovut lil kull impjegat tal-Awtorità jew, jekk applikabbli, lil terzi persuni, skont it-termini msemmija. Int għandek timla kull taqsima ta' din il-formola. B'mod partikolari, din id-data tista' tiġi mogħtija lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex din tkun tista' twettaq ir-Regolamenti dwar il-*Metering* tal-Ilma li jittella' minn taħt l-Art. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tirrifjuta l-applikazzjoni f'każ li kwalunkwe nformazzjoni tkun nieqsa. Jekk xi dettall mitlub m'huwiex rilevanti għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħek, jekk jogħġbok immarka bl-ittri "N/A". L-applikant għandu d-dritt jitlob aċċess għad-data personali tiegħu, kif ukoll li jitlob il-korrezzjoni, jew, f'ċirkostanzi xierqa, it-tħassir ta' xi data li tkun qed tiġi pproċessata w li tista' tkun żbaljata, nieqsa, jew mhix rilevanti. Għaldaqstant, int mitlub tinfurmana mill-aktar fis possibli dwar kwalunkwe tibdil fid-data personali tiegħek li nkunu qegħdin nipproċessaw.

Bil-firma tiegħek inti qiegħed tikkonferma li qiegħed tagħti l-kunsens espliċitu, skond it-termini tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, kemm f'ismek kif ukoll f'isem kull individwu msemmi f'din il-formola, sabiex l-Awtorità tipproċessa l-informazzjoni personali rispettiva tagħkom skont kif indikat qabel f'din l-istess klawżola. Int għandek l-obbligu li tinforma lill-individwi msemmija b'dan l-avviż dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u tikseb il-kunsens tagħhom.

L-Awtorità tintrabat li tieħu l-passi meħtieġa sabiex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbilità tad-data pproċessata kollha.

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi
Millennia Complex
Triq Aldo Moro
Marsa, MRS 9065
MALTA

Tel. : +356 21220720
Indirizz elettroniku:: enquiry@mra.org.mt
www.mra.org.mt

**APPLIKAZZJONI biex jiġu mġedda r-records dwar l-utent/i ta' sors talilma ta' taħt l-art**

**In-numru tan-Notifika tas-Sors tal-Ilma ta' Taħt l-Art:**

## Taqsima II-A: Dettalji ta' kull utent u użu tal-ilma

Din it-tieni taqsima (Taqsima II) tal-applikazzjoni għandha timtela minn kull utent, inkluż l-applikant. L-Awtorità trid tirċievi Taqsima II separata għal kull utent.

| ***Dettalji tal-utent*** | | |
|---|---|---|
| Titlu: | Isem u kunjom: | |
| Numru tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza / Numru tal-Passaport: | | |
| Indirizz: | | |
| Numru tat-telefon: | Numru tal-*mobile*: | Indirizz elettroniku: |

| ***Dettalji tal-użu tal-imla*** | |
|---|---|
| 1) | X'inhu s-sehem tiegħek mill-ilma li jittella' mis-sors (bħala persentaġġ jew numru ta' ġranet fis-sena, jekk applikabbli għal dan il-każ)? |
| 2) | X'inhu l-użu tal-ilma? (Domestiku / Tisqija[2] / Attività ekonomika oħra apparti t-tisqija[3]): |
| | a) Jekk l-ilma jintuża għat-tisqija, bejn wieħed w ieħor kemm hi kbira l-art li tiġi msoqqija ($m^2$ or tmien) |
| 3) | Inti qiegħed / qiegħda tbiegħ jew bi ħsiebek tbiegħ l-ilma lil ħadieħor? (Iva / Le): |
| 4) | Inti ċċaqlaq l-ilma għal post ieħor għall-użu tiegħek stess? (Iva / Le): |
| 5) | Jekk għandek pompa mqiegħda fil-post: |
| | a) X'tip ta' pompa għandek imqiegħda fil-post?: (*submersible* - mgħaddsa taħt l-ilma / *surface electrical - tal-elettriku u mqiegħda fuq l-art)* / raddiena tar-riħ / xi tip ieħor: |
| | b) Min iktar jużaha din il-pompa? (l-utenti kollha / ħadd / ismijiet ta' utenti): |
| | c) Kemm tiflaħ ittella' l-pompa? (Ikteb x'sistema ta' kejl qiegħed / qiegħda tuża – litri fis-sekona jew $m^3$ fis-siegħa) |
| 6) | Kemm ittella' ilma kuljum, bejn wieħed w ieħor, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa? (Ikteb x'sistema ta' kejl qiegħed / qiegħda tuża – ngħidu aħna, litri jew glalen jew $m^3$, fost l-oħrajn) |

Nota: linja 2a, 5c u 6 jistgħu jitħallew vojta jekk m'għandekx l-informazzjoni.

[2] Minbarra t-tisqija ta' ġonna ta' mad-djar

[3] Jekk jogħġbok għati deskrizzjoni tal-attivita jew NACE classification

## Taqsima II-B: Dikjarazzjoni

Jiena, li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, niddikkjara li s-sors tal-ilma ta' taħt l-art bin-numru ta' Reġistrazzjoni/Notifika _______ li jinsab ________________________________________ u kif jidher fil-pjanta annessa bħalissa qiegħed jintuża minni. Jiena ma naf b'ebda fatt jew ċirkustanza li ma jħallux lili milli ninnotifika lili nnifsi bħala utent.

Jiena naċċetta w nifhem li l-fatt li jien inkun irreġistrat bħala utent tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art bl-ebda mod ma jagħtini l-ebda dritt li ntella' l-ilma mill-istess sors, jew li narmi kwalunkwe materjal, sew maħlul kif ukoll magħqud, fl-istess sors, jew li nżomm l-istess sors miftuħ u li l-Awtorità tista' fi kwalunkwe ħin tordnali, bħala l-persuna li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, li nagħlaq l-istess sors tal-ilma ta' taħt l-art, minkejja li l-istess sors huwa rreġstrat / innotifikat u li l-miżati marbutin mar-reġistrazzjoni / man-notifika ġew imħallsa kif xieraq. Jiena nifhem ukoll li permezz tar-reġistrazzjoni bħala utent ta' sors tal-ilma ta' taħt l-art, jiena bl-ebda mod ma qiegħed nakkwista jew nikseb l-ebda dritt legali fuq is-sors tal-ilma ta' taħt l-art.

Jiena nifhem li l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tinvestiga sabiex tivverifika l-informazzjoni kollha provvduta kemm f'din l-applikazzjoni kif ukoll ma' din l-applikazzjoni. Jiena nawtorizza lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi li twettaq dawn l-investigazzjonijiet.

Jiena qiegħed nawtorizza lil kwalunkwe persuna jew entità mqabbda mill-Awtorità sabiex tipprovdi kwalunkwe nformazzjoni mitluba b'mod raġonevoli mill-Awtorità b'rabta ma' din in-notifika.

Jiena naċċetta w nifhem li l-fatt li jien inkun irreġistrat bħala utent tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art m'għandu bl-ebda mod jippreġudika xi dritt jew pretensjoni li jista' jkollhom terzi persuni fuq dak is-sors. Jiena nifhem ukoll illi l-fatt li l-applikazzjoni tiġi aċċettata, m'għandux jitqies li qiegħed jagħti jew joħloq xi dritt jew preżunzjoni favurija fuq il-propjetà fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art.

Jiena niddikjara li sa fejn naf jien din id-dikjarazzjoni kollha, din l-applikazzjoni (kemm l-ewwel taqsima kif ukoll din it-tieni taqsima), dak kollu li qed insostni, kulm'hu mehmuż u l-informazzjoni l-oħra li daħħalt b'rabta mal-applikazzjoni huma veri, korretti u kompluti f'kull aspett u li din id-dikjarazzjoni qiegħed nagħmilha filwaqt li jien konxju mill-fatt li dikjarazzjonijiet foloz jew nuqqas ta' għoti ta' nformazzjoni mitluba jistgħu jitqiesu raġuni valida biżżejjed sabiex jidħlu fis-seħħ il-pieni applikabbli hekk kif stabbiliti permezz tal-liġi, u li jiġu rrappurtati w użati fi kwalunkwe azzjoni kriminali.

Isem u Kunjom: Nru. tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza / Nru. tal-Passaport:

Firma: Data: